

Livell ġdid ta' kooperazzjoni bejn ir-regolaturi Ewropej

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), korp indipendenti ġdid tal-UE, jiġbor flimkien l-awtoritajiet ta' sorveljanza kollha fiż-ŻEE, kif ukoll il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. L-EDPB jikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR billi:

- jipprovdi gwida ġenerali;
- jippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-SAs taż-ŻEE;
- jiżgura l-konsistenza tal-infurzar mill-SAs taż-ŻEE;
- jagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-protezzjoni tad-*data*.

Infurzar aktar b'saħħtu tad-drittijiet tiegħek tal-protezzjoni tad-*data*

L-infurzar jaqa' taħt l-SAs taż-ŻEE, li raw is-setgħat ta' infurzar tagħhom jiżdiedu b'mod sinifikanti mad-dħul fis-seħħ tal-GDPR. Huma issa jistgħu jimponu multi ta' EUR 10 jew 20 miljun jew minn 2 sa 4 % tal-valur ta' organizzazzjoni, skont il-gravità tal-ksur.

Taħseb li ġew miksura d-drittijiet tiegħek tal-protezzjoni tad-*data*?

Inti tista' tikkuntattja lill-organizzazzjoni li tkun qed iżżomm id-*data* tiegħek, tikkuntattja l-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali tiegħek jew tfttex rimedju f'qorti nazzjonali. L-awtoritajiet ta' sorveljanza jistgħu jwettqu investigazzjonijiet u jimponu sanzjonijiet fejn meħtieġ. Tista' ssib id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet ta' sorveljanza kollha taż-ŻEE fuq is-sit web tal-EDPB.

Taħseb li d-*data* tiegħek intilfet jew insterqet?

Il-GDPR jistabbilixxi proċeduri ċari f'każ ta' ksur tad-*data*. Jekk ksur tad-*data* joħloq riskju, il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet li jkunu qed iżommu d-*data* tiegħek għandhom jinformat lill-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* rilevanti fi żmien 72 siegħa jew mingħajr dewmien bla bżonn. Jekk l-iżvelar illeċitu tad-*data* joħloq lok riskju għoli, allura inti għandek tkun ukoll personalment infurmat.



IL-GDPR u d-drittijiet tiegħek

Il-protezzjoni tad-*data*, dritt fundamentali

L-użu tal-Internet u l-ammont ta' *data* li taqşam kull darba li tidħol online huwa fl-ogħla livell li qatt kien u se jkompli jiżdied. Kemm jekk tkun qed tixtri online, jew tuża l-midja soċjali jew tagħmel tiftixa sempliċi f'xi *search engine*, inti tkun qed tħalli warajk informazzjoni dwarek. Dan iġib miegħu riskji, li jvarjaw mill-bejgħ tad-*data* tiegħek lill-ogħla offerent mingħajr l-għarfien tiegħek u *profiling*, għal abbuż online u serq ta' identità. Id-*data* personali tiegħek ta' min tiġi mħarsa.

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR), li daħal fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018, jagħmel il-protezzjoni tad-*data* realtà billi jiżgura approċċ armonizzat madwar l-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja (ŻEE).

Xi nbidel għalik?

Regoli aktar b'saħħithom dwar il-protezzjoni tad-*data* jfissru li n-nies għandhom aktar kontroll fuq id-*data* personali tagħhom. Ir-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data* jagħtuk aktar kontroll fuq id-*data* personali tiegħek u jtejbu s-sigurtà tiegħek kemm online kif ukoll offline.

- **Indikazzjoni ċara ta' kunsens u trasparenza ogħla:** Meta l-organizzazzjonijiet jeħtieġu l-kunsens tiegħek biex jipproċessaw id-*data* personali tiegħek, huma jkollhom jitolbuk għal dan u jindikaw b'mod ċar għal liema skopijiet tkun qed tiġi pproċessata id-*data* tiegħek.
- **Dritt li tirċievi informazzjoni ċara u li tintfiehmem:** Int għandek id-dritt li tkun taf min qed jipproċessa d-*data* tiegħek, liema *data* qed tiġi pproċessata u għaliex.
- **Dritt għall-aċċess għad-*data* tiegħek:** Inti għandek id-dritt li titlob aċċess għad-*data* personali li organizzazzjoni għandha dwarek, mingħajr ħlas, u li tikseb kopja f'format aċċessibbli.
- **Dritt għall-oġġezzjoni:** Jekk organizzazzjoni qed tipproċessa d-*data* tiegħek, jista' jkollok id-dritt li toġġezzjona. F'ċerti ċirkostanzi, bħal riċerka xjentifika, l-interess pubbliku jista' jipprevali. Dejjem għandek



id-dritt li tagħmel oġġezzjoni biex ma tirċevix komunikazzjoni ta' promozzjoni diretta.

- **Dritt għal korrezzjoni tad-*data* tiegħek:** Jekk temmen li d-*data* personali miżmuma dwarek tista' tkun żbaljata, mhux kompluta jew mhux eżatta, għandek id-dritt li titlob korrezzjoni.
- **Dritt għal tħassir:** Int għandek id-dritt li titlob li d-*data* personali tiegħek titħassar, meta ma tkunx trid li din tibqa' tiġi pproċessata, u meta ma jkun hemm l-ebda raġuni leġittima biex tinżamm.
- **Dritt għall-portabbiltà tad-*data*:** Meta tiċċaqlaq minn fornitur ta' servizz għal ieħor, inti għandek id-dritt li titlob li d-*data* tiegħek tingħatalek lura f'format faċilment trażmessibbli jew, jekk ikun teknoloġikament fattibbli, tiġi trażmessa direttament lill-fornitur il-ġdid tiegħek.

Madankollu, nitolbuk tinnota li eċċezzjonijiet għal dawn id-drittijiet jistgħu jiġu previsti fil-GDPR jew fil-liġijiet nazzjonali.